A.L. 63 ta' l-1990

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għal Eżami ta' Ħwejjeġ tal-Video u taċ-Ċinema

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tal-Finanzi u l-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura għamlu r-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għal Eżami ta' Ħwejjeġ tal-Video u taċ-Ċinema, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1990 dwar id-Drittijiet għal Eżami ta' Ħwejjeġ tal-Video u taċ-Ċinema, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 5 ta' l-1990.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) ir-regolament li hemm għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (1) tiegħu;

(b) fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu (1) kif enumerat mill-ġdid tiegħu, minflok il-kliem "mill-Università ta' Malta; jew" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Università ta' Malta għall-użu tagħha jew għall-użu ta' kull grupp jew organizzazjoni marbutin ma' l-Università, sakemm il-ħwejjeġ kollha relattivi jingħabru mingħand l-awtoritajiet postali jew tad-dwana mill-Università ta' Malta nnifisha; jew"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (1) kif enumerat mill-ġdid tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

"(2) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jeħles mill-ħlas tad-drittijiet imsemmijin fir-regolament 2 ta' dawn ir-regolamenti f'kull każ għalih meta l-video *recordings, films* taċ-ċellulojdi esposti jew kull xorta ta' ħwejjeġ oħra simili jiġu importati minn soċjetà, istitut jew persuna privata u l-qligħ nett minnha jkun għal għan reliġjuż approvat mill-Awtoritajiet Ekklesjastiċi lokali kompetenti, jew għal għan ta' karità, jew għall-promozzjoni tal-moviment tal-*Boy Scouts* jew tal-*Girl Guides* jew għall-għajnuna tal-belle arti, jew għal xi għan ieħor li jkun approvat bil-miktub mill-Ministru responsabbli għall-finanzi.".